



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 22 ta' Diċembru 2008 (06.01)
(OR. fr)**

16526/08

LIMITE

**PESC 1591
COHOM 147**

NOTA

Suġġett: Linji Gwida tal-UE dwar id-djalogi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem mal-pajjiżi terzi
- Aġġornament

1. Introduzzjoni

Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-25 ta' Ġunju 2001, il-Kunsill laqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Mejju 2001 dwar ir-rwol tal-Unjoni Ewropea li tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem u d-demokratizzazzjoni f'pajjiżi terzi, li jirrappreżenta kontribut prezzjuż għat-tiżni tal-koeżjoni u l-koerenza tal-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokratizzazzjoni. Fil-konklużjonijiet tiegħu l-Kunsill afferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għall-prinċipji ta' koerenza u koeżjoni, l-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-azzjonijiet kollha tiegħu, it-trasparenza fil-politika tiegħu u l-identifikazzjoni tal-oqsma ta' prijorità. Bħala parti mill-proċess tal-implimentazzjoni ta' daww il-konklużjonijiet tal-Kunsill, il-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (COHOM) impenja ruħu li jistabbilixxi linji gwida dwar id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem f'konsultazzjoni mal-gruppi ta' ħidma ġeografiċi, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (CODEV) u l-Kumitat dwar il-miżuri għall-iżvilupp u l-konsolidazzjoni tad-demokrazija u l-istat tad-dritt, u għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali.

2. Stat tal-progress

L-Unjoni Ewropea qed tieħu sehem fi djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' għadd ta' pajjiżi. Dawn id-djalogi jikkostitwixxu strument tal-politika esterna tal-Unjoni. Dawn huma integrati f'firxa ta' għodda għad-dispożizzjoni tal-Unjoni Ewropea biex timplimenta l-politika tagħha fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. Huwa jikkostitwixxi element essenzjali tal-istrateġija globali tal-Unjoni Ewropea bil-għan tal-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli, il-paċi u l-istabbiltà, li kif tissottolinja d-dikjarazzjoni tas-Summit Dinji tal-2005, approvata b'konsens u fl-ogħla livell mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, huma interdipendenti mar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u jissaħħu reċiprokament. L-għażla li jinholq tali djalogu tirriżulta, skont il-linji gwida dwar id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-pajjiżi terzi adottati fl-2001, minn deċizzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, għandu jintqal ukoll li hemm lok għal koerenza akbar fl-approċċ attwali tal-UE lejn id-djalogu. Fil-fatt, attwalment jeżistu bosta djalogi, u barra minn hekk dawn id-djalogi jsiru fl-ivvelli (pereżempju fil-livell tal-esperti mill-kapitali jew tal-kapijiet tal-missjoni) u f'oqsfa ferm differenti. Id-deċizzjoni li jinħolqu djalogi għodda għalhekk għandha tittieħed b'kont meħud tal-valur miżjud antiċipat kif ukoll ir-riżorsi disponibbli għall-implimentazzjoni tagħhom.

Għalhekk, jeżistu tipi differenti ta' djalogi, bħal pereżempju:

2.1. Id-djalogi jew diskussjonijiet ta' natura pjuttost ġenerali, ibbażati fuq trattati jew konvenzjonijiet ta' natura reġjonali jew bilaterali jew ta' sħubiji strateġiċi, li jittrattaw b'mod sistematiku l-kwistjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Dawn jinkludu b'mod partikolari:

2.1.1. ir-relazzjonijiet mal-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni.

2.1.2. il-Ftehim ta' Kotonù mal-Pajjiżi AKP

2.1.3. ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Amerika Latina.

2.1.4.il-proċess ta' Barċellona (pajjiżi tal-Mediterran) u l-politika tal-viceinat (partikolarment il-pajjiżi tal-Kawkasu).

2.1.5.id-djalogu politiku mal-pajjiżi Asjatiċi fil-kuntest tal-ASEAN u l-ASEM.

2.1.6.ir-relazzjonijiet mal-Balkani tal-Punent.

2.1.7.ir-relazzjonijiet bilaterali fil-qafas tal-ftehim ta' assoċjazzjoni u kooperazzjoni.

2.2. Id-djalogi li jitrattaw esklużivament id-drittijiet tal-bniedem. Attwalment jeżistu diversi djalogi regolari u istituzzjonali, ddedikati esklużivament għad-drittijiet tal-bniedem, bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiż terz / jew organizzazzjoni reġjonali (pereżempju djalogu maċ-Ċina, konsultazzjonijiet mar-Russja, djalogu mal-ħames Stati tal-Asja Ċentrali u djalogu mal-Unjoni Afrikana). Dawn id-djalogi u konsultazzjonijiet huma ferm strutturati u jinżammu fil-livell ta' esperti tad-drittijiet tal-bniedem mill-kapitali. Fil-passat l-Unjoni Ewropea kellha wkoll djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem mar-Repubblika Islamika tal-Iran. Djalogi oħrajn isiru fil-livell tal-kapijiet tal-missjoni (pereżempju l-Indja, il-Pakistan u l-Vjetnam). L-eżistenza ta' tali djalogu m'għandhiex twassal biex is-suġġett tad-drittijiet tal-bniedem ma jkunx diskuss ukoll fil-qafas tad-djalogu politiku fil-livelli kollha.

Barra minn hekk, fil-qafas tal-ftehimiet differenti ta' kooperazzjoni jew ta' assoċjazzjoni ma' pajjiżi terzi, jeżistu sotto-komitati jew gruppi speċifiċi fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. Dan huwa l-każ b'mod partikolari mad-diversi pajjiżi tax-xatt tan-nofsinar tal-Mediterran bħall-Marokk, it-Tuneżija, il-Libanu, il-Ġordan, l-Eġittu, l-Iżrael jew l-Awtorità Palestinjana.

2.3. Id-djalogi ad hoc jintegraw l-elementi relatati mal-PESK, fosthom id-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk, l-UE bħalissa għaddejja bi djalogi bħal dawn, pereżempju mas-Sudan, u dan fil-livell ta' kapijiet tal-missjoni fil-post.

2.4. Id-djalogi fil-qafas tar-relazzjonijiet speċjali ma' ċerti pajjiżi terzi, abbażi ta' ideat ġenerali. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet dawn jieħdu l-forma ta' laqgħa tal-esperti ta' kull sitt xhur, fi Trojka, pereżempju mal-Istati Uniti, il-Kanada, New Zealand, il-Ġappun u l-pajjiżi assoċjati, quddiem il-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Assemblea Ġenerali annwali tan-Nazzjonijiet Uniti. Huma previsti wkoll konsultazzjonijiet mal-Unjoni Afrikana qabel il-laqgħat tal-Kunsill dwar id-drittijiet tal-Bniedem u t-tielet Kumitat tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti. L-objettiv prinċipali ta' dawn id-djalogi hu li ssir diskussjoni dwar kwistjonijiet ta' interess komuni kif ukoll il-possibiltajiet ta' kooperazzjoni f'korpi multilaterali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem.

Minbarra d-djalogi f'livell tal-Unjoni Ewropea, għadd ta' Stati Membri jżommu wkoll djalogi ma' diversi pajjiżi terzi f'livell nazzjonali.

L-objettiv tal-linji gwida tad-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem huwa multiplu:

- li jiġi indentifikat ir-rwol ta' dan l-istrument fil-qafas globali tal-PESK u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem.
- li tissaħħaħ il-koerenza u l-koeżjoni tal-approċċ tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tad-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem, bl-analiżi, fuq bażi ta' każ b'każ, tal-valur miżjud tal-ftuħ ta' djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-ammont ta' ħidma li jirriżulta minnu għall-COHOM.
- li jiġi ffaċilitat l-użu ta' dan l-istrument billi jiġu ddefiniti l-kondizzjonijiet tal-istabbiliment u l-effikaċità tiegħu.
- li jiġu nnotifikati l-partijiet terzi (b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, is-soċjetà ċivili, il-meżżi tax-xandir, il-Parlament Ewropew, pajjiżi terzi) b'dan l-approċċ.

Id-djalogi politiċi mal-pajjiżi tal-AKP, skont il-Ftehim ta' Kotonù, għandhom l-arranġamenti u l-proċeduri dettaljati tagħhom, kif iddefiniti fl-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Kotonù.

Madankollu, bil-ksieb tal-koerenza, jeħtieġ li jsir skambju ta' fehmiet u esperjenzi fuq bażi regolari fil-qafas tal-Grupp ta' Ħidma COHOM.

3. Prinċipji ġenerali

3.1. L-Unjoni Ewropea timpenja ruħha li tintensifika l-proċess ta' integrazzjoni tal-oġettivi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokratizzazzjoni fl-aspetti kollha tal-politika esterna tagħha ("mainstreaming"). Għaldaqstant, l-UE ser tiżgura li l-kwistjoni tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt tkun inkluża fil-laqgħat u d-diskussjonijiet futuri kollha mal-pajjiżi terzi, fil-livelli kollha, kemm jekk taħditiet ministerjali, laqgħat tal-kumitat konġunti jew djalogi formali mmexxija mill-Presidenza tal-Kunsill, mit-Trojka, il-kapijiet tal-missjoni jew il-Kummissjoni. Hija ser tiżgura wkoll li l-kwistjoni tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt tkun inkluża fid-diskussjonijiet tal-ippogrammar u fid-dokumenti tal-istrateġija tal-pajjiżi.

3.2. Madankollu, sabiex tkun tista' tiddiskuti b'mod aktar approfondit dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-Unjoni Ewropea tista' tiddeċiedi li tibda djalogu ddedikat speċifikament għad-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi terzi. Din id-deċiżjoni ser tittieħed fir-rispett ta' ċerti kriterji, filwaqt li jinżamm il-prammatiżmu u l-flessibbiltà meħtieġa għal tali komputu. Jew l-UE innifisha tiegħu l-inizjattiva li tissuġġerixxi djalogu ma' pajjiżi terzi, jew tirrispondi għal talba minn pajjiżi terzi.

4. Oġettivi tad-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem

L-oġettivi tad-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem ivarjaw minn pajjiżi għall-ieħor u huma ddefiniti każ b'każ. Dawn l-oġettivi jistgħu jkunu:

(a) id-diskussjoni ta' kwistjonijiet ta' interess komuni u t-titjib tal-kooperazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem, fost l-oħrajn f'fora multinazzjonali bħan-Nazzjonijiet Uniti.

- (b) li jiġi nnutat it-tħassib li jkun inħass fl-UE dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż ikkonċernat, il-ġbir ta' informazzjoni u l-ħidma sabiex titjeb is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'dak il-pajjiż.

Minbarra dan, id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem jistgħu jidentifikaw fi stadju bikri l-problemi li x'aktarx iwasslu għal konflitti fil-futur.

5. Suġġetti ttrattati fid-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem

Is-suġġetti li ser ikunu diskussi matul id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem għandhom jiġu determinati każ b'każ. Madankollu, l-Unjoni Ewropea hija mpenjata li tittratta suġġetti prijoritarji li għandhom jiġu nklużi fl-aġenda tad-djalogi kollha. Dawn jinkludu l-iffirmar, ir-ratifika u l-implimentazzjoni tal-istrumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, il-kooperazzjoni mal-proċeduri u l-mekkaniżmi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġlieda kontra l-piena tal-mewt, il-ġlieda kontra t-tortura, il-ġlieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni, id-drittijiet tat-tfal, u partikolarment dawk tat-tfal fil-kunflitti armati, id-drittijiet tan-nisa, il-libertà tal-espressjoni, ir-rwol tas-soċjetà ċivili u l-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja internazzjonali, partikolarment mal-Qorti Kriminali Internazzjonali, l-avvanz tal-proċessi tad-demokratizzazzjoni u l-governanza tajba, l-Istat tad-Dritt kif ukoll il-prevenzjoni tal-kunflitti. Id-djalogi ntiżi sabiex itejbu l-kooperazzjoni fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem jistgħu jinkludu wkoll – skont iċ-ċirkostanzi – xi wħud mill-kwistjonijiet ta' prijorità msemmija hawn fuq, b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-istrumenti internazzjonali prinċipali tad-drittijiet tal-bniedem ratifikati mill-parti l-oħra, kif ukoll it-tnejn u l-issuktar tal-ħidma tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem f'Ġinevra, it-tnejn u l-issuktar tat-Tielet Kumitat tal-Assemblea Ġenerali tan-NU fi New York u tal-Konferenzi dinjin u/jew reġjonali. Dawn isiru abbażi ta' reċiproċità li tippermetti lill-pajjiż terz biex iqajjem is-sitwazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Unjoni Ewropea.

6. Proċedura biex jingħata bidu għal djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem

- 6.1. Qabel kwalunkwe deċiżjoni biex jingħata bidu għal djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem għandha ssir evalwazzjoni tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż ikkonċernat. Id-deċiżjoni sabiex tibda l-ħidma fuq l-evalwazzjoni preliminari ssir mill-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (COHOM), flimkien skont il-ħtieġa mal-gruppi ta' ħidma ġeografiċi, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (CODEV) u l-Kumitat dwar il-miżuri għall-iżvilupp u l-konsolidazzjoni tad-demokrazija u l-istat tad-dritt, u għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. L-evalwazzjoni nnifisha ser titwettaq mill-COHOM f'koordinazzjoni mal-gruppi ta' ħidma l-oħrajn. L-evalwazzjoni nnifisha ser titwettaq mill-COHOM f'koordinazzjoni mal-gruppi ta' ħidma l-oħrajn. Din l-evalwazzjoni għandha tinkludi, fost l-oħrajn, l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, kemm il-gvern huwa lest li jtejjeb is-sitwazzjoni, l-impenn tal-gvern fir-rigward tal-konvenzjonijiet internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, ir-rieda tal-gvern li jikkoopera mal-proċeduri u l-mekkaniżmi tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-bniedem kif ukoll l-attitudni tal-gvern lejn is-soċjetà ċivili. L-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata, fost l-oħrajn, fuq is-sorsi li ġejjin: ir-rapporti mill-kapijiet tal-missjoni, ir-rapporti min-Nazzjonijiet Uniti u organizzazzjonijiet internazzjonali jew reġjonali oħrajn, ir-rapporti mill-Parlament Ewropew u mid-diversi organizzazzjonijiet mhux governattivi attivi fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, u d-dokumenti tal-istrateġija tal-Kummissjoni għall-pajjiżi kkonċernati.
- 6.2. Qabel kwalunkwe deċiżjoni relatata mal-istabbiliment ta' djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem għandu l-ewwel ikun hemm id-definizzjoni tal-oġettivi konkreti li l-Unjoni tixtieq tilħaq billi tibda djalogu mal-pajjiż ikkonċernat, u anke permezz ta' evalwazzjoni tal-valur miżjud li għandu jintlaħaq b'dan id-djalogu ma' dan il-pajjiż. L-Unjoni Ewropea għandha tistabbilixxi anke fuq perijodu medju, fuq bażi ta' każ b'każ, kriterji sabiex jitkejjel il-progress li jkun sar, f'relazzjoni mal-oġettivi ddefiniti ("benchmarks") kif ukoll il-kriterji għal strateġija ta' ħruġ possibbli, madankollu mingħajr ma din tkun kondizzjoni għat-tnedija ta' djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem.

- 6.3. Qabel it-tnedija ta' djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-pajjiż ikkonċernat għandhom isiru xi diskussjonijiet esploratorji. L-għan ta' dawn id-diskussjonijiet esploratorji huwa li jiddefinixxu l-oġettivi li kwalunkwe pajjiż li jaċċetta jwagħmel talba għal djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-UE għandu jsegwi u sabiex jiddeterminaw il-mezzi possibbli sabiex jiżdied l-impenn ta' dak il-pajjiż lejn l-istrumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, il-proċeduri u l-mekkaniżmi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-avvanz u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokratizzazzjoni b' mod ġenerali, u sussegwentement biex tiġi aġġornata l-informazzjoni fir-rapporti fl-evalwazzjoni preliminari. It-taħditiet jagħtu wkoll l-opportunità biex jiġu mfissra lill-pajjiż ikkonċernat il-prinċipji wara l-azzjoni tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-għanijiet tal-Unjoni meta tipproponi jwagħmel talba għal djalogu speċifiku ddedikat lid-drittijiet tal-bniedem. Id-diskussjonijiet esploratorji għandhom preferibbilment jitmexxew minn mit-Trojka tal-UE magħmula minn rappreżentanti mill-kapitali, fil-livell tal-esperti fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Kapijiet tal-Missjoni akkreditati fil-pajjiż ikkonċernat. Imbagħad għandha ssir evalwazzjoni tad-diskussjonijiet esploratorji. Abbażi ta' dik l-evalwazzjoni, l-Unjoni Ewropea għandha tiddetermina jekk tixtieqx tkompli fuq bażi aktar strutturata u istituzzjonalizzata.
- 6.4. Kwalunkwe deċiżjoni biex jingħata bidu għal djalogu ddedikat għad-Drittijiet tal-Bniedem titlob diskussjoni fi ħdan il-Grupp ta' Hídma dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-qbil tiegħu. Id-deċiżjoni finali li jinbeda djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-definizzjoni tal-arranġamenti prattiċi, kemm fil-livell tal-esperti mill-kapitali jew lokali permezz tal-Kapijiet tal-Missjoni, hija ta' responsabbiltà tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- 6.5. Il-gruppi ta' hídma ġeografiċi, u, skont il-ħtieġa, il-Grupp ta' Hídma dwar il-Kooperazzjoni tal-Iżvilupp (CODEV) u l-Kumitat dwar il-miżuri għall-iżvilupp u l-konsolidazzjoni tad-demokrazija u l-istat tad-dritt, u għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali għandhom ukoll ikunu involuti f'dan il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

- 6.6. Jekk l-evalwazzjoni tkun waħda negattiva jew jekk l-Unjoni Ewropea tiddeċiedi li ma tibdiex djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-Unjoni Ewropea għandha tikkunsidra jekk approċċi oħra jkunux utli, bħat-tisħiħ tal-komponent tad-drittijiet tal-bniedem fid-djalogu politiku mal-pajjiż ikkonċernat, fost l-oħrajn billi jiġi nkluż l-għarfien speċjalizzat dwar id-drittijiet tal-bniedem.
- 6.7. L-issuktar tad-djalogu u d-determinazzjoni tal-aġenda għandhom isiru, fil-każijiet kollha, mill-Grupp ta' Ħidma COHOM, fejn meħtieġ flimkien mal-korpi l-oħra kkonċernati, jiġifieri l-gruppi ta' ħidma ġeografiċi, il-Kapijiet tal-Missjoni, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni tal-Iżvilupp (CODEV) u l-Kumitat dwar il-miżuri għall-iżvilupp u l-konsolidazzjoni tad-demokrazija u l-istat tad-dritt, u għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali.

7. Arranġamenti prattiċi għad-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem

Fir-rigward tal-modalitajiet tad-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-flessibbiltà u l-prammatiżmu huma obbligatorji. Għaldaqstant, dawn il-modalitajiet ser ikunu determinati fuq bażi ta' każ b'każ, bi qbil komuni mal-pajjiż ikkonċernat. Dawn il-modalitajiet għandhom jikkonċernaw il-post fejn għandu jsir id-djalogu, il-livell ta' rappreżentazzjoni kif ukoll il-frekwenza tiegħu.

Fil-prinċipju, id-djalogi kollha għandhom idumu mill-inqas ġurnata sħiħa, ħlief dawk li jsiru ma' Stati li jikkondividu fehmiel simili għal dawk tal-Unjoni Ewropea, u kemm ikun possibbli, b'interpretazzjoni simultanja sabiex isir l-aħjar użu tal-ħin disponibbli għad-diskussjonijiet. Barra minn hekk, meta tistabbilixxi djalogu, l-Unjoni Ewropea għandha tispeċifika lill-pajjiż terz li hija tirriżerva d-dritt li tirreferi għal każijiet individwali u li ttiprovdi kull laqgħa lista ta' każijiet individwali li fir-rigward tagħha huma mistennija tweġibiet. Din il-lista tista' tkun akkumpanjata minn talba għal rilaxx tal-persuni li l-każ tagħhom ikun tqajjem u, skont il-ħtiegħa, dawn il-każijiet individwali jistgħu jiġu ttrattati fil-livell tad-djalogi politiċi. Meta meħtiegħ, l-Unjoni Ewropea ser tippublika stqarrija għall-istampa fi tmiem id-djalogu, li jitqiegħed fuq is-sit tal-internet tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u tad-delegazzjoni rilevanti tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, ser tiġi prevista, fuq bażi ta' każ b'każ, l-organizzazzjoni ta' konferenza stampa konġunta u intervisti mal-istampa, wara kull laqgħa ta' djalogu.

Biex ikun żgurat li l-iskambji jagħtu l-aktar frott possibbli, id-djalogi għandhom, sakemm ikun possibbli, isiru fuq livell ta' rappreżentanti tal-gvern responsabbli għad-Drittijiet tal-Bniedem. Sabiex ikun hemm kontinwità, l-Unjoni Ewropea għandha tkun rappreżentata mit-Troiċa, kemm fil-livell tar-rappreżentanti mill-kapitali, jew mill-Kapijiet tal-Missjoni.

L-Unjoni Ewropea għandha tiżgura li s-sessjonijiet tad-djalogu jsiru b' mod regolari fil-pajjiż ikkonċernat. Dan l-approċċ għandu l-vantaġġ li jagħti lid-delegazzjoni tal-UE opportunità aħjar sabiex tkun taf bis-sitwazzjoni fil-post u, permezz tal-ftehim tal-awtoritajiet tal-pajjiż, tikkuntattja lin-nies u l-istituzzjonijiet li fihom tkun interessata. Tradizzjonalment, id-djalogi li l-iskop primarju tagħhom ikun id-diskussjoni ta' kwistjonijiet ta' interess komuni u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem isiru fi Brussell. Preferibbilment, din it-tradizzjoni għandha tinżamm.

Sakemm ikun possibbli, l-Unjoni Ewropea għandha titlob lill-awtoritajiet tal-pajjiżi involuti fid-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem sabiex jinkludu fid-delegazzjonijiet tagħhom rappreżentanti mill-istituzzjonijiet varji u l-ministeri responsabbli minn kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem, bħall-Ministeri tal-Ġustizzja u l-Intern, il-pulizija, l-amministrazzjoni tal-ħabs eċċ. Bl-istess mod, is-soċjetà ċivili tista' tinvolvi ruħha skont il-modalitajiet l-aktar addattati fl-evalwazzjoni preliminari tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, fit-tmexxija tad-djalogu nniffsu (b' mod partikolari billi torganizza f'ċerti każijiet seminars mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili tal-pajjiż terz u tal-Unjoni Ewropea sabiex jiġu diskussi fil-fond ċerti kwistjonijiet tematiċi b'mod parallel mad-djalogu formali), fis-segwitu tad-djalogu u fl-evalwazzjoni tad-djalogu. B'hekk l-Unjoni Ewropea tkun tista' turi l-appoġġ tagħha għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi li magħhom iżżomm dan it-tip ta' skambji.

Sakemm ikun possibbli l-UE għandha tagħti lid-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem grad ta' trasparenza ġenwina fir-rigward tas-soċjetà ċivili.

8. Konsistenza bejn id-djalogi bilaterali tal-Istati Membri u d-djalogi tal-UE

Sabiex tiġi żgurata l-akbar koerenza bejn id-djalogi bilaterali tal-Istati Membri u d-djalogi tal-UE, l-iskambju tal-informazzjoni huwa indispensabbli. Dan l-iskambju ta' informazzjoni, b' mod partikolari dwar is-suġġetti diskussi u r-riżultat tad-diskussjonijiet, jistgħu jitmexxew mill-COREU jew mill-COHOM. Il-missjoni diplomatika tal-Presidenza attwali fil-pajjiż ikkonċernat tista' wkoll jiġbor informazzjoni rilevanti fuq il-post. Skont il-każ, jistgħu jiġi previsti laqgħat informali *ad hoc* bejn il-membri tal-COHOM, il-gruppi ta' ħidma ġeografiċi rilevanti u l-Parlament Ewropew. Għandu jkun ukoll possibbli li jiġu previsti laqgħat informali *ad hoc* ma' pajjiżi oħra li għandhom djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-pajjiż ikkonċernat (bħal fil-każ tad-djalogu attwali maċ-Ċina). Tali laqgħat għandhom jinvolvu l-Grupp ta' Ħidma COHOM, u l-gruppi ta' ħidma ġeografiċi jew il-gruppi ta' studju.

L-għajnuna mogħtija mill-Unjoni Ewropea fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokratizzazzjoni fil-pajjiżi li magħhom l-UE jkollha djalogu għandha tiegħu kont tal-iżviluppi fid-djalogu u r-riżultat tiegħu. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni Ewropea ser tinforma regolarment lill-COHOM dwar l-użu tal-fondi tal-Istrument Ewropew dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (EIDHR), sabiex ikun possibbli skambju ta' fehmiet dwar il-koerenza ta' dawn l-azzjonijiet ta' għajnuna mal-prijoritajiet iddefiniti mill-COHOM, b'kont meħud ukoll tal-għajnuna pprovduta mill-Istati Membri f'dan il-qasam.

9. Koerenza bejn id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem u r-riżoluzzjonijiet tal-UE lill-UNGA u s-CHR.

Id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem u r-riżoluzzjonijiet mogħtija mill-Unjoni Ewropea lill-UNGA jew lis-CHR dwar is-sitwazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem f'ċerti pajjiżi huma żewġ forom ta' azzjoni kompletament separati. Għaldaqstant, il-fatt li hemm djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn l-UE u pajjiż terz mhux ser jimpedixxi lill-UE milli tippreżenta riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'dak il-pajjiż jew milli tipprovdidi appoġġ għal inizzjattiva mill-pajjiż terz. Barra minn hekk, l-eżistenza ta' djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn l-UE u pajjiż terz lanqas ma hu ser jimpedixxi lill-Unjoni Ewropea milli tiddenunzja pubblikament ksur tad-drittijiet tal-bniedem f'dak il-pajjiż, fost l-oħrajn fil-fora internazzjonali adegwati, jew milli tqajjem il-kwistjoni f'laqgħat mal-pajjiżi terzi kkonċernati f'kull livell.

10. Evalwazzjoni tad-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem

Kwalunkwe djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem ser ikun evalwat b'mod regolari mill-COHOM, flimkien mal-grupp ġeografiku rilevanti, preferibbilment u safejn hu possibbli, kull sentejn.

L-evalwazzjoni tista' ssir mill-Presidenza attwali, bl-appoġġ tas-Segretarjat tal-Kunsill jew, fuq bażi ta' każ b'każ, bl-użu tas-servizzi ta' konsulent estern. Hija għandha tkun ippreżenta lill-COHOM għal diskussjoni u deċiżjoni, f'kollaborazzjoni mal-gruppi ta' ħidma ġeografiċi, il-Grupp ta' Ħidma CODEV u l-Kumitat dwar il-miżuri għall-iżvilupp u l-konsolidazzjoni tad-demokrazija u l-istat tad-dritt, u għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. Is-soċjetà ċivili għandha tkun involuta f'dan il-kompitu ta' evalwazzjoni.

Dan il-kompitu ser ikun iddedikat għall-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni fir-rigward tal-obiettivi li l-Unjoni setgħet tistabilixxi qabel il-bidu tad-djalogu, u ser jeżamina kemm l-valur miżjud mid-djalogu. L-analiżi għandha tiffoka b'mod partikolari fuq il-progress li jkun sar fl-oqsma ta' prijorità tad-djalogu. Jekk ikun sar tabilħaqq progress, l-evalwazzjoni għandha, jekk ikun possibbli, tanalizza kemm l-attivitajiet tal-Unjoni Ewropea taw kontribut għal dak il-progress. Jekk ma jkun sar l-ebda progress, l-Unjoni Ewropea għandha timmodifika l-obiettivi tagħha, jew tikkunsidra jekk tkomplex jew le bid-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-pajjiż ikkonċernat. Fil-fatt, l-evalwazzjoni tad-djalogu għandha tippermetti li tiġi stabbilita deċiżjoni li jintemm l-eżerċizzju jekk il-ħtiġiet żviluppati f'dawn il-linji gwida ma jiġux aktar sodisfatti, jekk il-kondizzjonijiet li taħthom jitmexxa d-djalogu m'humiex sodisfaċenti, jew jekk ir-riżultat m'huwiex dak mistenni mill-UE. Bl-istess mod, tista' tittieħed deċiżjoni sabiex jiġi sospiż djalogu li kien laħaq l-obiettivi tiegħu u għaldaqstant m'għadx hemm bżonnu. Tali kwistjonijiet għandhom jiġu trattati bi prijorità mill-COHOM.

Fir-rigward tad-djalogi ntiżi sabiex isaħħu l-kooperazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari dawk li jsiru fi f'korpi internazzjonali u reġjonali, l-evalwazzjoni għandha tiffokka fuq dawk is-suġġetti fejn tista' tittejjeb iżjed il-kooperazzjoni.

11. L-immaniġġar tad-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem

Fid-dawl tal-multiplikazzjoni tad-djalogi, jeħtieġ li l-COHOM jikkunsidra l-problema ta' kif dawn għandhom ikunu mmaniġġati. Il-kontinwità hija fattur importanti ferm, kif huwa wkoll it-tisħiħ tal-istrutturi li jsostnu l-Presidenza tal-Kunsill attwali fit-tnejniet għad-djalogi u l-issuktar tagħhom. Tnejnija tajba ta' kull djalogu tkun teħtieġ ukoll li xi elementi ta' bażi jingħataw mill-gruppi ta' ħidma ġeografiċi, iżda anke skont il-ħtieġa mill-CODEV u l-Kumitat dwar il-miżuri għall-iżvilupp u l-konsolidazzjoni tad-demokrazija u l-istat tad-dritt, u għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. Is-sostenn tas-Segretarjat tal-Kunsill huwa fundamentali għaċ-ċentralizzazzjoni tad-data kollha, għat-tnejnija kemm tal-kontenut kif ukoll tal-loġistika, u għall-issuktar tad-djalogi. L-Unjoni Ewropea tista' tikkunsidra wkoll, fuq bażi ta' każ b'każ, il-possibbiltà li tassoċja fondazzjoni jew organizzazzjoni privata, speċjalizzata fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem ma' djalogu wieħed jew aktar.

12. Il-kwistjoni tad-drittijiet tal-bniedem fid-djalogi politiċi.

Kif indikat fil-punt 3, l-Unjoni Ewropea ser tiżgura li l-kwistjoni tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt tiġi inkorporata fil-laqgħat u d-diskussjonijiet kollha li hija jkollha ma' pajjiżi terzi, fil-livelli kollha, inkluż fid-djalogi politiċi u, skont il-ħtieġa, mal-oġħla livell. L-Unjoni Ewropea timpenja ruħha li tinkludi għarfien speċjalizzat dwar id-drittijiet tal-bniedem fid-delegazzjonijiet tal-UE. Id-deċiżjoni dwar min ser jipprovdi dan l-għarfien speċjalizzat għandha tittieħed każ b'każ, waqt li tingħata attenzjoni għall-kontinwità. Għalkemm din ix-xorta ta' diskussjoni ma toffrix il-possibbiltà li jiġu trattati kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fil-fond, l-Unjoni Ewropea ser tipprova tqajjem il-kwistjonijiet ta' prijorità msemmija fil-punt 5 mal-pajjiż ikkonċernat.